C/2026/1850

25.3.2026

Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont l-Artikolu 5(2)

Twaqqif ta' Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali *(REKT)*

(Regolament (KE) Nru 1082/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 19)

(C/2026/1850)

I. 1) **Isem, indirizz u punti ta' kuntatt**

Isem reġistrat: Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali Network għal Bliet Newtrali għall-Klima — il-Greċja u Ċipru (REKT CLIMANET/GR-CY)

Uffiċċju reġistrat: Unjoni Ċentrali tal-Muniċipalitajiet tal-Greċja (ΚΕΔΕ) — 8 Gennadiou, Ateni, 106 78, Il-GREĊJA

Persuna ta' kuntatt: Chrisostomos KALOGIROU

Sit web tar-REKT: https://climanet-gr-cy.org/.

I. 2) **Tul ta' żmien tar-REKT:**

Tul ta' żmien tar-REKT: indefinit

Data tar-reġistrazzjoni: 1.8.2025

Data tal-pubblikazzjoni: 1.8.2025

II. **OBJETTIVI**

Permezz ta' azzjoni konġunti mill-membri tar-REKT u l-imsieħba tagħhom, l-għan ewlieni huwa li jiġu żviluppati standards uniformi, mudelli vijabbli u politiki implimentabbli biex jiġu indirizzati l-kawżi u l-effetti tal-kriżi klimatika sabiex jiġu protetti ż-żoni urbani kontra r-riskji maħluqa minn fenomeni estremi naturali (mewġiet ta' sħana; nixfiet; nirien forestali, nirien periurbani u nirien urbani; sajjetti u maltempati bir-ragħad u s-sajjetti mingħajr xita, xita torrenzjal u għargħar; irjieħat qawwija; tornadoes; u tibdil fil-kundizzjonijiet tal-ambjent marittimu), fiż-żoni urbani u fiż-żoni naturali u ambjenti magħmula mill-bniedem 'l barra minn żoni urbani (fejn joriġinaw il-kawżi primarji tal-fenomeni estremi marbuta mal-kriżi klimatika, jiġifieri l-ambjent marittimu, ix-xmajjar u n-nixxigħat, il-kampanja, il-foresti, iż-żoni industrijali periurbani, eċċ.), peress li dawn għandhom impatt sproporzjonat fuq il-bliet u l-imġiba enerġetika tagħhom permezz ta' fenomeni bħal mewġiet tas-sħana fit-tul u ġejjer ta' sħana, li jwasslu għal żieda fil-ħtiġijiet tal-enerġija u attivitajiet intensivi fl-enerġija li jaggravaw iċ-ċiklu vizzjuż tas-CO_2 u l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u taqlib fil-klima.

Għan ieħor huwa li jiġu promossi metodoloġiji ta' politika komuni għall-pilastri tematiċi marbuta man-newtralità klimatika, fosthom: l-enerġija u s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli; il-mobbiltà urbana sostenibbli u l-loġistika tal-bliet; il-ġestjoni u t-tnaqqis tal-iskart; regolamenti dwar l-ippjanar urban u l-użu tal-art; l-ambjent urban u naturali; bliet intelliġenti; u governanza fuq diversi livelli.

B'mod partikolari, l-għan huwa li jiġu mobilizzati l-livelli kollha tas-setturi pubbliċi, privati, akkademiċi u soċjali biex jiġu promossi tipi ġodda ta' politiki u investimenti ekoloġiċi. Dan se jsir permezz ta' governanza f'diversi livelli — parti integrali tal-Patt Klimatiku, b'kull kuntratt ta' belt klimatika jiġi implimentat permezz ta' sħubija wiesgħa u proċessi parteċipattivi.

F'dan il-kuntest, l-għan tar-Raggruppament huwa li jippromovi u jappoġġja l-implimentazzjoni mill-membri tal-mira tal-UE li jinkiseb tnaqqis ta' 80 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra sal-2050, sabiex jiġu miġġielda t-tibdil fil-klima u l-kriżi klimatika, abbażi ta' kuntratti lokali tal-bliet klimatiċi, fi sħubija bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-imsieħba pubbliċi, privati u soċjali fil-bliet tal-membri.

Biex jintlaħaq dan l-objettiv, il-membri tar-Raggruppament se jaħdmu flimkien biex jaċċelleraw it-tranżizzjoni tal-bliet tagħhom għan-newtralità klimatika kif ukoll it-trasformazzjoni diġitali tagħhom sal-2030, f'konformità mal-Missjoni tal-UE biex jinkisbu "100 belt newtrali għall-klima u intelliġenti".

L-għan tal-Missjoni huwa li tilħaq il-mira ta' 100 belt Ewropea newtrali għall-klima u intelliġenti sal-2030, li jservu bħala ċentri ta' esperimentazzjoni u innovazzjoni, bl-għan aħħari li l-bliet Ewropej kollha jkunu jistgħu jagħmlu l-istess sal-2050.

B'mod aktar speċifiku, l-għan tar-Raggruppament huwa li jipprovdi appoġġ xjentifiku u tekniku lill-muniċipalitajiet, l-ewwel u qabel kollox lil dawk li huma membri tar-raggruppament u, it-tieni, lil kwalunkwe muniċipalità fil-Greċja u f'Ċipru li tesprimi interess fl-iskambju ta' għarfien espert dwar l-implimentazzjoni tal-politiki dwar in-newtralità klimatika.

Dan l-objettiv se jintlaħaq billi jiġi stabbilit mekkaniżmu li jappoġġja u jikkomplementa s-servizzi muniċipali tal-muniċipalitajiet membri, li jiffaċilita l-ippjanar rapidu u l-awtorizzazzjoni ta' proġetti u pjani integrati f'oqsma marbuta man-newtralità klimatika, inkluż, iżda mhux limitat għal:

— miżuri għall-iffrankar tal-enerġija fl-ispazju pubbliku u fil-bini;

— l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli;

— inizjattivi ta' mobbiltà urbana sostenibbli;

— attivitajiet ta' ġestjoni tal-iskart;

— ir-regolamenti dwar l-iżvilupp mill-ġdid urban u l-ippjanar urban;

— ekoloġizzazzjoni urbana u periurbana ġeneralizzata;

— it-teknoloġiji tal-bliet intelliġenti;

— miżuri għall-protezzjoni kontra fenomeni ta' kriżi klimatika estrema.

L-objettivi tar-Raggruppament jinkludu wkoll l-iżvilupp u l-espansjoni tal-kooperazzjoni tan-network ma' oqsma oħra fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u internazzjonali permezz ta' standardizzazzjoni trasversali — metodoloġiji u standards komuni għall-muniċipalitajiet membri — għal proġetti u investimenti mmirati lejn il-kisba tal-objettivi tan-newtralità klimatika u patti lokali dwar in-newtralità klimatika għall-2030 approvati mill-Kummissjoni Ewropea. F'dan il-kuntest, il-muniċipalitajiet jiffunzjonaw bħala awtorità kontraenti, awtorità maniġerjali jew awtorità superviżorja, kemm jekk b'mod konġunt kif ukoll individwalment, permezz ta' kuntratti ta' programm skont l-Artikolu 100 tal-Liġi Nru 3852/10 dwar il-kuntratti ta' programm u l-Artikolu 12 tal-Liġi Nru 4412/2016 dwar il-kuntratti pubbliċi bejn entitajiet fis-settur pubbliku.

III. **DETTALJI ADDIZZJONALI DWAR ISEM IR-RAGGRUPPAMENT**

Isem bl-Ingliż: EGTC CLIMANET/GR-CY

IV. **MEMBRI**

IV. 1) **Numru totali ta' membri fir-Raggruppament*:** 7

IV. 2) **Nazzjonalitajiet tal-membri tar-Raggruppament:** CY / EL

IV. 3) **Informazzjoni dwar il-membri** ([1])

Isem uffiċjali: Muniċipalità ta' Ioannina

Indirizz postali: 5 Plateia Dimokratias, Ioannina, 454 44, Il-GREĊJA

Indirizz elettroniku: https://ioannina.gr/

Tip ta' membru: Awtorità lokali

Isem uffiċjali: Muniċipalità ta' Kozani

Indirizz postali: 1 Plateia Nikis, Kozani, 501 00, Il-GREĊJA

Indirizz elettroniku: https://cityofkozani.gov.gr

Tip ta' membru: Awtorità lokali

Isem uffiċjali: Muniċipalità ta' Tessalonika

Indirizz postali: 1 Leof. Vasileos Georgiou Avenue A, Tessalonika, 546 36, Il-GREĊJA

Indirizz elettroniku: https://thessaloniki.gr

Tip ta' membru: Awtorità lokali

([1]) Jekk jogħġbok żid l-informazzjoni għal kull membru.

Isem uffiċjali: Muniċipalità ta' Trikala
Indirizz postali: 18 Asklipiou, Trikala, 421 00, Il-GREĊJA
Indirizz elettroniku: https://trikalacity.gr/
Tip ta' membru: Awtorità lokali

Isem uffiċjali: Belt ta' Ateni
Indirizz postali: 63 Athinas, Ateni, 105 52, Il-GREĊJA
Indirizz elettroniku: https://www.cityofathens.gr/
Tip ta' membru: Awtorità lokali

Isem uffiċjali: Muniċipalità ta' Kalamata
Indirizz postali: 99 Athinon, Kalamata, 241 34, Il-GREĊJA
Indirizz elettroniku: https://www.kalamata.gr/
Tip ta' membru: Awtorità lokali

Isem uffiċjali: Muniċipalità ta' Limassol
Indirizz postali: 23 Archiepiskopou Kyprianou, Limassol, CY-3036 ĊIPRU
Indirizz elettroniku: https://www.limassol.org.cy/
Tip ta' membru: Awtorità lokali